MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta tat-8 ta' Frar, 2007

Talba Numru. 1051/2006

**Mediacoop Limited (Coop No 49)**

**vs**

**John Carl Gauci**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz li permezz tieghu l-attur talab hlas ta' mija tnejn u sebghin Lira Liri Maltin (LM170) rapprezentanti prezz ta' sponsorship fuq Capital Radio moghti lil konvenut fuq ordnijiet tieghu stess flimkien ma' spejjez tal-produzzjoni u li baqa' ma thallasx;

Minkejja li l-konvenut gie interpellat diversi drabi biex ihallas, inkluz bl-ittra legali tal-15 ta' April, 2006 dana baqa' inadempjenti.

Qed jintalbu ukoll l-imghaxijiet dekorribbli mid-data tal-fattura relattiva sad-data tal-effettiv pagament, bir-rata ta' 8%.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li hi ngunt ghas-subizzjoni.

Ra li l-konvenut baqa' ma pprezentax Risposta ghalkemm debitament notifikat u l-anqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal;

Ra lli gie prezentat kapitolu fit-22 ta' Jannar, 2007 mill-Avukat Victor George Axiak u l-fatt li l- konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih u ghalhekk ghandu jitqies bhala mistqarr;

Ra li l-konvenut naqas li jikkontesta l-Kawza;

Fic-cirkostanzi, it-Tribunal jiddeċiedi billi jilqa' t-talba attrici bl-ispejjeż u l-interessi skond il-Ligi kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------